32005R1199

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1199/2005

tat-22 ta' Lulju 2005

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżidilha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f' oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2, għar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri, li għandha x'taqsam mal-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tikkonformax ma dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skont l-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità.[2]

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna nru 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
1. Pannell tal-art magħmul kif ġej: – il-wiċċ huwa xbieha fotografika tal-injam fuq il-karta, li jissimula pannell tal-parkett, u fuq barra għandu kisja ta' raża tal-melamina; – minn ġewwa magħmul minn fibreboard ta' densità li taqbeż 0.8 g/ċm^3, u b'minċotti u mudulluni tal-injam ('sistema fejn il-pannelli jiġu ingastati f'xulxin') – il-bażi magħmula minn karta mgħaddsa fil-kimika (impregnated). (Ara r-ritratt A)[3]	44111990	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1,3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-Kodiċi NM 4411, 441119.u 4411990. Il-wiċċ, li qiegħed hemm biss biex jżejjen, ma jagħtix il-karattru essenzjali lill-prodott. Il-karattru essenzjali jingħata mill-materjal ta' ġewwa li huwa l-fibreboard. Ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HS) għall-intestatura 4411. Il-prodott huwa eskluż mill-intestaturi 4412, u 4418 minħabba li l-wiċċ mhux magħmul mill-injam.
2. Pannell għall-art magħmul minn tliet saffi ta' injam (total tal-ħxuna ,ta' 7 mm). Is-saff tal-wiċċ magħmul minn żewġ fillieri ta' strixxi tal-injam tal-ballut bi ħxuna	44122980	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 4412, 441229 u 44122980. Is-saff tal-wiċċ tal-prodott huwa kkunsidrat bħala fuljetta rqiqa fit-tifsira tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-

[3] Ir-ritratti huma għal għanijiet informattivi biss.

[4] Ir-ritratti huma għal għanijiet informattivi biss.

ta' 0.6 mm. Is-saff tan-nofs huwa magħmul minn fibreboard ta'densità għolja. Il-bażi tkun magħmula minn injam koniferu (ħxuna ta' 0.6 mm). Is-saff tan-nofs fih minċotti, kanali u bil-mudullun ('sistema biex jiġu ingastati f'xulxin il-pannelli') (Ara r-ritratt B)[4]		Sistema Armonizzata [HS] għall-intestatura 4412 u in-Noti ta' Spjegazzjoni għall-intestatura 4412.
3. Pannell għall-art magħmul minn tliet saffi ta' injam (total tal-ħxuna,ta' 14 mm). Is-saff tal-wiċċ magħmul minn tliet fillieri ta' strixxi tal-injam tal-ballut bi ħxuna ta' 3 mm. Is-saff tan-nofs u dak tal-bażi huwa magħmul minn injam koniferu. Is-saff tan-nofs fih minċotti b'kanali u bil-mudullun (Ara r-ritratt C)[5]	44183091	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 4418, 441830 u 44183091. Is-saff tal-wiċċ tal-prodott huwa kkunsidrat bħala fuljetta rqiqa fit-tifsira tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata [HS] għall-intestatura 4412 u in-Noti ta' Spjegazzjoni għall-intestatura 4412.

[5] Ir-ritratti huma għal għanijiet informattivi biss.